MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 2777/2002

**Elmo Insurance Agency Limited u b'nota prezentata fis-6 ta Mejju 2004 is-socjeta Elmo Insurance Limited assumiet fil-vesti tal-attur l-atti tal-kawza minnflok is-socjeta Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Royal Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha George Anthony Caruana u l-istess George Anthony Caruana**

**vs**

**Julian Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Novembru 2002 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta erba mija u hamsa u hamsin lira tnejn u erbghin centezmu (Lm455.42) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh gewwa l-Kalkara fis-26 ta Marzu 2002 bejn il-vettura

numru JAN 417 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BAI 349 proprjeta tal-attur u misjuqa minn Julia Caruana ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 10 ta Settembru 2002 u ta dik prezentata konntestwalment ma dana l-att lill-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghax legali dekorribbli b’effett mill-10 ta Settembru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta ta Citadel Insurance plc prezentata fl-14 ta’ Jannar 2003 fejn dwar it-talba attrici esprima ruhu fis-sens illi xtaq biss jikkontrolla l-provi li ser jingiebu dwar ir-responsabbilita tal-incident u dwar il-kwantum tad-danni reklamati u b’riserva ghal risposti ulterjuri. Difatti permezz ta digriet ta dan it-Tribunal datat 17 ta Jannar 2003 l-istess socjeta Citadel Insurance plc giet awtorizzata tintervjeni f’dina l-kawza in statu et terminu.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta Gunju 2004 fejn ikkontesta kemm ir-responsabbilita u kif ukoll il-kwantum tal-incident in kwistjoni;

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-habta bejn iz-zewg vetturi f’dan l-incident sehh meta dawn kienu ghaddejjin fl-istess triq fid-direzzjoni opposta ta xulxin. Il-vettura tal-attur kienet niezla triq ir-Rinella filwaqt li l-konvenut kien tiela u l-habta grat f’liwja li hemm fl-istess. PS 1594 Brian Caruana li nvestiga dan l-incident u hejja r-rapport u skizz relattiv jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjonijiet moghtija lilu mis-sewwieqa. Jikkummenta wkoll li l-konvenut kien imissu dar fuq in-naha ta barra tar-roundabout biex jibqa fuq il-karreggjata tieghu partikolarment meta tqis li si tratta ta liwja kerha meqjusa bhala blind corner - kwindi dan is-surgent jinftiehem li fejn sabu mahbut lill-konvenut fil-fatt ma kienx sewwa fuq il-karreggjata tieghu. Il-posizzjoni tal-vetturi u

kif ukoll l-imsemmija roundabout jidhru fil-fatt fuq l-iskizz esebit a fol 22 tal-process.

Julia Caruana li kienet qeq issuq il-vettura tal-attur tikkonferma l-verzjoni li hija tat lill-pulizija a tempo vergine. Tajt li kienet niezla bil-mod hafna il-ghaliex it-trieq hija wieqfa sew u kif kisret il-liwja sabet lill-konvenut ma wiccha. Tikkonferma wkoll li l-konvenut dar din il-liwja "wrong side" peress li kellu jitla minn-naha ta barra tar-roundabout u mhux minn-naha mnejn kienu niezlin il-vetturi bhal taghha.

Illi dwar il-kwantum tad-danni pretizi dawn gew provati tramite d-dokumenti esebiti mix-xhud Joseph Mula liema dokumenti jidher li ma gewx kontestati oltre li jidhru gustifikati.

Illi oltre dawn il-provi kif hawn fuq riprodotti ma gew prezentanti ebda provi ohra fuq il-kaz in ezami u l-konvenut Julian Galea baqa qatt ma xehed biex jaghti l-verzjoni tieghu in sostenn tal-kontestazzjoni prezentata formalment minnu.

Jigi notat ukoll li b'riferenza ghal provi migjuba mis-socjeta intervenuta fil-kawza fl-ewwel lok jinghad li dawn ma jaghmlu ebda effett fuq il-kaz dwar ir-responsabbilita o meno tal-incident u jew fuq il-kwantum reklamat u fit-tieni lok, l-istat ta l-intervenut ma hux wiehed ta parti u kwindi ma jistax jigi la liberat u anqas kkundannat – ghalkemm jista jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu dwar il-kaz l-istess intervenut ma hux meqjus bhala parti fil-kawza.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Julian Galea kien unikament responsabbli tal-incident stradali in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet tieghu, jilqa t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut Julian Galea ihallas lill-atturi s-somma minnhom mitluba ta erba mija u hamsa u hamsin lira tnejn u erbghin centezmu (Lm455.42) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-

ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------